MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 92/2012

**Georgina Cini**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

Illi l-attrici zzewget nhar is-17 ta’ Mejju, 1975 u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok A;

Illi fl-istess certifikat taz-zwieg, isem omm l-attrici huwa erronjament imnizzel bhala Roza meta fir-realta’ isem omm l-attrici ghandu jkun Rosalie Lorraine Hazel u dana

hekk kif jirrizulta kemm mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess omm l-attrici (Dok B) kif ukoll mir-registru elettorali li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u markata Dok C;

Illi in oltre fl-istess certifikat taz-zwieg, isem missier l-attrici huwa erronjament imnizzel bhala Giuseppi meta fir-realta' isem missier l-attrici ghandu jkun Joseph u dana hekk kif jirrizulta kemm mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess missier l-attrici (Dok D) kif ukoll mir-registru elettorali li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u markata Dok C;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv sebgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (87/1995) billi fil-kolonna 'Genituri tal-Mizzewgin' l-isem Roza Grech nee' Adams jigi mibdul f'Rosalie Lorraine Hazel nee' Adams.

ii. Tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv sebgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (87/1995) billi fil-kolonna 'Genituri tal-Mizzewgin' l-isem Giuseppi Grech jigi mibdul f'Joseph; u inoltre' l-isem ta' missier l-attrici fic-certifikat bin-numru sitt mija u tlettax tas-sena elf disa' mija u tlieta u tletin (613/1933) isem il-wild 'Giuseppe' ghandu jinbidel ghal 'Joseph'.

U dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'l quddiem minhabba din l-iskorrettezza;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi rigward it-talba ghall-korrezzjoni ta' isem missier ir-rikorrenti, l-esponenti jissottometti illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors taghha, missier ir-rikorrenti fic-certifikat tat-twelid tal-istess missier esebit

minnha bhala dokument ‘D’ huwa mnizzel bhala Giuseppe u mhux Joseph;

2. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma gabet l-ebda prova konkreta li missierha jismu Joseph u mhux Giuseppe jew Giuseppi, u ghalhekk l-esponenti qieghed jopponi ruhu ghat-tieni talba tar-rikorrenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, wara isem missier ir-rikorrenti irid jizdied il-kunjom ‘Grech’u ghaldaqstant jekk din l-Onorabbli Qorti tordna l-korrezzjoni, din ghandha tigi taqra jew Joseph Grech jew inkella biex nibqghu fidili ghall-isem kif irregistrat fir-Registru Pubbliku Giuseppe Grech;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghalkemm l-esponenti mhux qieghed jopponi ruhhu ghall-ewwel talba tar-rikorrenti, u cjoe’ ghall-korrezzjoni tal-isem ta’ omm ir-rikorrenti, il-korrezzjoni fic-certifikat tal-att taz-zwieg tar-rikorrenti esebit minnha bhala dokument ‘A’, ghandha tkun, ghal dak li jirrigwarda isem omm ir-rikorrenti, mhux bhala ‘Rosalie Lorraine Hazel nee’ Adams’ – kif suggerita mir-rikorrenti – imma bhala ‘Rosalie Lorraine Hazel Grech nee’ Adams’;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat il-verbal tallum stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

It-talba tar-rikorrenti tirrizulta fondata u dan a bazi tad-dokumenti prezentati mill-istess rikorrenti msemmija fir-rikors promotur u minnha ezebiti.

Tqis ukoll pero’ li ma jidhirx li dan irrizulta minhabba xi zball li huwa mputabbli lill-konvenut b’xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet attrici u dan billi :

1. Tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv sebgha u tmenin tas-sena elf disa’ mija u hamsa u sebghin (87/1975) billi fil-kolonna ‘Genituri tal-Mizzewgin’ l-isem Roza Grech nee’ Adams jigi mibdul f’Rosalie Lorraine Hazel Grech nee’ Adams.

2. Tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru progressiv sebgha u tmenin tas-sena elf disa’ mija u hamsa u sebghin (87/1975) billi fil-kolonna ‘Genituri tal-Mizzewgin’ l-isem Giuseppi Grech jigi mibdul f’Joseph Grech; u inoltre’ l-isem ta’ missier l-attrici fic-certifikat bin-numru sitt mija u tlettax tas-sena elf disa’ mija u tlieta u tletin (613/1933) isem il-wild ‘Giuseppe’ ghandu jinbidel ghal ‘Joseph’.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------